Nru. 701

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-fdalijiet li ġejja, jiġifieri:–

Graffiti ta' Xwieni ta' l-Ordni ta' San Gwann
f'Nru. 9, Sqaq Nru. 7, Triq il-Wied,
Ħal Qormi

(ara l-pjanta f'paġna 7412) jistgħu jkunu ta' valur storiku u kulturali ħekk li għandhom ikunu nklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' 1-1992 dwar l-Ippjanar ta' I-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-fdalijiet imsemmija jinsabu fil-periklu li jiġu demoliti, danneġġati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'din toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni rigward il-fdalijiet imsemmija hawn fuq skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-bini ma jistax ikun demolit, alterat jew estiż

(ii) Ma jistgħux isiru xogħlijiet ta' skavar ġewwa s-sit mingħajr il-permess minn qabel ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

(iii) Ma jitħalla jidħol ebda makkinarju fis-sit mingħajr il-permess bil-miktub mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

(iv) Kull xogħol ta' restawr, skemi ta' rijabilitazzjoni jew żviluppi oħra fis-sit għandhom isiru għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

(v) Mingħajr preġudizzju għal ta' hawn fuq, kull żvilupp jista' biss jitħalla wara li jkun sar studju serju u fil-fond tal-bini u l-inħawi ta' madwaru mill-awtorità kompetenti.

(vi) L-ebda tneħħija, ħsara, tibdil, żvilupp, kisi jew tibjid ma jista' jsir fuq l-ebda parti ta' fejn jinsabu l-*graffiti* msemmija sakemm ma jingħatax permess mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

(vii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-fdalijiet imsemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati bil-miktub minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-fdalijiet jiġu demoliti jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorita' teżerċità s- setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

No. 701

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:–

Graffiti Representing Ships of the Order of St. John at
Premises No. 9, Alley 7, Valley Road,
Qormi.

(see site plan on page 7412) could be of historic and cultural value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992

The Authority also believes that the property is in danger of being damaged, destroyed or covered.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The demolition, alteration or extension of the property is hereby prohibited.

(ii) No excavation works can be carried out within the site without the prior permission of the Planning Authority in consultation with the Museums Department

(iii) No machinery can be allowed entry onto the site without permission from the Planning Authority.

(iv) Any restoration works, rehabilitation schemes or other developments within the site must be to the satisfaction of the Planning Authority in consultation with the Museums Department.


(v) Without prejudice to the above, any development within the site will only be allowed after a serious and in-depth study of the whole area and the individual buildings is carried out by the competent authorities.

(vi) The destruction, infliction of damage, removal, covering or whitewashing of the said graffiti in the property is prohibited unless a permit is obtained from the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

(vii) Any interventions on the property which might be permissible according to the above must be approved in writing and in advance by the Planning Authority.

This Order shall have effect for a period of six (6) months from the publication of this order.

If the property is damaged or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E51985. N71084 Max E524081. N715491

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order of Graffiti representing ships of the Order in Qormi.

Graffiti representing Ships of the Order of St. John at No.9, Alley 7, Valley Road, Qormi

Ref No. :- GF 1926/96

Form No. :- MU003